MALTA

ATT Nru. XXXI ta' l-1989

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għal miżuri dwar il-promozzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti Maltin fis-suq lokali, biex jiskoraġġixxi d-*dumping* u dwar ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

ACT No. XXXI of 1989

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for measures to promote the sale of Maltese goods in the local market, to discourage dumping, and for matters related thereto.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

10 ta' Novembru, 1989

ATT Nru. XXXI ta' l-1989

ATT biex jipprovdi għal miżuri dwar il-promozzjoni tal-bejgħ ta' oġġetti Maltin fis-suq lokali, biex jiskoraġġixxi d-'dumping' u dwar ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorita' ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1989 dwar il-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fit 28 ta' Lulju, 1989.

2. F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tehtieġx xort'oħra — Tifsir

"Bord" tfisser il-Bord għall-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali imwaqqaf taħt l-artikolu 3 ta' dan l-Att;

"Kontrullur" għandha l-istess tifsir bħal dak mogħti lilha fl-Ordinanza tad-Dwana; Kap 37

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Industrija u tinkludi kull uffiċjal fid-Dipartiment ta' l-Industrija li minn żmien għal żmien jiġi assenjat xi setgħat jew xi dmirijiet mid-Direttur taħt dan l-Att;

"oġġetti importati" għandha l-istess tifsir mogħti lilha fl-Ordinanza, iżda ma tinkludix oġġetti prodotti f'dawn il-gżejjer li jitġu esportati minnhom u wara jiġu importati fihom;

"imposta" tfisser l-imposta li titħallas skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"oġġetti Maltin" tfisser dawk l-oġġetti li huma għal kollox mibnijin, prodotti, manifatturati jew proċessati f'Malta jew li tkun saritilhom binja, produzzjoni, manifattura jew proċessar in parti f'Malta; "binja, produzzjoni jew manifattura jew ipproċessar in parti f'Malta" tfisser ix-xogħol li jsir f'Malta fuq oġġetti importati, li l-valur tiegħu, li ma jkunx anqas minn ħmistax fil-mija tal-valur tal-prodott lest, jikkostitwixxi fil-fehma tal-Ministru sehem raġonevoli tal-valur ta' l-oġġetti mitmumin;

Att Nru. XXVI ta' l-1989.

"Malta" għandha l-istess tifsir mogħti lilha fil-Kostituzzjoni iżda ma tinkludix Port Ħieles kif definit fl-Att ta' l-1989 dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija;

"Ordinanza" tfisser l-Ordinanza tad-Dwana;

"simili" tfisser li tkun fil-fehma tal-Ministru simili fil-funzjoni.

Bord għall-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali.

3. (1) Għandu jitwaqqaf bord, li jkun magħruf bħala l-Bord għall-Promozzjoni ta' Prodotti Lokali, li jkun magħmul kif ġej:

(a) *chairman* li jinħatar mill-Ministru;

(b) żewġ rappreżentanti tad-Direttur, li wieħed minnhom ikun membru tal-Laboratorju ta' *Standards* tad-Dipartiment ta' l-Industrija;

(ċ) rappreżentant tad-Direttur tal-Kummerċ;

(d) rappreżentant tal-Kontrullur tad-Dwana;

(e) rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(f) rappreżentant tad-Direttur ta' l-Agrikoltura;

(g) rappreżentant tal-Korporazzjoni Maltija ta' l-Iżvilupp;

(h) rappreżentant ta' organiżżazzjoni mwaqqfa biex iġġib 'il quddiem l-esportazzjoni ta' oġġetti Maltin:

(2) Il-Ministru għandu jaħtar uffiċjal pubbliku li ma jkunx taħt il-grad ta' Assistent Kap, biex ikun segretarju eżekuttiv tal-Bord.

(3) Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-korp jew persuna li dawk il-membri jkunu ser jirrappreżentaw fil-Bord.

(4) Il-Bord jista jaġixxi minkejja kull vakanza fl-għamla tiegħu u għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jirregola l-proċedura tiegħu stess.

Funzjonijiet tal-Bord

4. (1) Il-Bord għandu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(i) li jagħti parir lill-Ministru dwar il-politika li għandha tiġi segwita fit-twettieq ta' dan l-Att u fl-eżerċizzju ta' xi setgħa

li għandu il-Ministru jew mogħtija lill-Ministru skond dan l-Att:

(ii) li jirċievi u jikkunsidra applikazzjonijiet bil-miktub minn kull persuna jew organiżżazzjoni dwar l-introduzzjoni, l-emenda jew ir-revoka ta' miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Ministru skond dan l-Att għall-promozzjoni ta' oġġetti Maltin u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwarhom lill-Ministru:

(iii) li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar l-introduzzjoni, l-emenda jew ir-revoka ta' miżuri li jistgħu jittieħdu mill-Ministru skond dan l-Att, għall-promozzjoni ta' oġġetti Maltin ukoll meta ma tkun saret ebda applikazzjoni dwar dan skond il-paragrafu (ii) ta' dan is-subartikolu:

(iv) li jżomm dik id-dokumentazzjoni dwar dawk l-oġġetti Maltin u tal-miżuri meħudin taħt dan l-Att għall-promozzjoni tagħhom, kif il-Ministru jista' jordna minn żmien għal żmien:

(v) li jassigura li tkun qegħda titwettaq u jara kemm tkun effettiva xi miżura li tista' tittieħed mill-Ministru taħt dan l-Att, u sabiex jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar dan lill-Ministru.

(2) Il-Bord għandu, fi żmien ġimgħatejn jippubblika avviż f'termini ġeneriċi fil-Gazzetta dwar l-applikazzjonijiet kollha li jkun irċieva skond il-paragrafu (ii) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kif ukoll dwar kull suġġeriment li jkun se jagħmel il-Bord innifsu, sabiex jintroduċi, jemenda jew jirrevoka miżuri li jistgħu jittieħdu taħt dan l-Att għall-promozzjoni ta' oġġetti Maltin, b'mod li jagħti lill-persuni jew lill-organizzazzjonijiet interessati perjodu ta' mhux inqas minn tliet ġimgħat sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fuq l-applikazzjonijiet jew suġġerimenti msemmija qabel.

(3) Il-Bord għandu mhux aktar tard minn tliet xhur minn tmiem il-perjodu imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jissottometti lill-Ministru ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-miżuri li jkunu qegħdin jiġu proposti li jittieħdu, jew li jiġu emendati jew revokati u dwar kull sottomissjoni bil-miktub li jista' jkun irċieva.

(4) Minkejja l-provvedimenti tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu il-Ministru jista', b'avviż fil-Gazzetta, itawwal iż-żmien li fih il-Bord għandu jissottometti r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Projbizzjoni ta' importazzjoni, u twettiq ta' ċerti setgħat taħt l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi

5. (1) Liċenza għall-importazzjoni ta' l-oġġetti elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att tista' tiġi maħruġa mill-Ministru responsabbli għall-kummerċ jekk l-applikazzjoni relattiva tkun ġiet approvata mill-Ministru.

(2) Il-Ministru għandu mhux iżjed tard mit-tieni ġimgħa ta' kull xahar jippubblika fil-Gazzetta lista ta' liċenzi approvati minnu skond id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, li fiha jindika l-isem tal-persuna, u meta dik il-persuna tkun qed tidher għal soċjetà jew ditta, isem is-soċjetà jew ditta, li favuriha l-liċenza tkun ġiet approvata, il-prodott jew il-prodotti li dwarhom tkun approvata l-

kwantità tagħhom, il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom u ż-żmien li matulu jkunu jistgħu jiġu impurtati.

(3) Il-Ministru jista' b'regolamenti li jsiru taħt dan l-Att, jemenda jew jirrevoka l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Kap 117

(4) Is-setgħat tal-Ministru responsabbli għall-kummerċ u tad-Direttur tal-Kummerċ taħt l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi u kull regolamenti li jsiru taħt dak l-Att, safejn jirreferu għall-oġġetti Maltin simili għal dawk elenkati fl-Ewwel u fit-Tieni Skedi ta' dan l-Att għandhom jitwettqu mill-Ministru:

Iżda sa dak iż-żmien li l-Ministru jkun jeżerċita dawk is-setgħat rigward xi prodott partikolari, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ u d-Direttur tal-Kummerċ għandhom jibqgħu jeżerċitaw is-setgħat imsemmija qabel fir-rigward ta' dak il-prodott.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-Att tal-1988 dwar is-Segretarji Parlamentari (Delegazzjoni ta' Poteri) il-Ministru jista' jiddelega kwalunkwe poter li hu jista' jeżerċita bis-saħħa tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu lid-Direttur minbarra l-poter li jagħmel regolamenti.

(6) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu u ta' l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru jista' jippreskrivi permezz ta' regolamenti illi l-piena għal xi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att jew tar-regolamenti li jsiru skond dak l-Att u msemmijin fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu dwar oġġetti msemmijin fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u għal kull ksur ta' l-imsemmi Att u regolamenti li jkunu saru skond dak l-Att dwar l-oġġetti Maltin imsemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, għandha tkun dik il-piena ta' mhux iżjed minn multa ta' ħamest elef lira Maltija jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, hekk kif il-Ministru jista' jippreskrivi.

Imposta li titħeġġel fuq oġġetti importati

6. (1) Għandu jinġabar mill-Kontrullur tad-Dwana f'isem il-Gvern, imposta skond ir-rati relattivi murijin fir-raba' kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, dwar l-oġġetti importati murijin fit-tielet kolonna fl-imsemmija skeda qabel ma dawk l-oġġetti jiġu rilaxxati mill-Kontrullur għall-użu jew konsum f'Malta.

(2) Il-Kontrullur għandu, dwar il-ġbir u l-protezzjoni ta' l-imposta imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikollu l-istess setgħat u jsegwi l-istess proċeduri hekk kif skond xi liġi oħra jistgħu jitwettqu u jiġu segwiti mill-Kontrullur dwar il-ġbir u l-protezzjoni ta' dazji ta' l-importazzjoni jew tad-dwana.

(3) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, jew ta' kull provvediment simili li jista' jkun iseħħ minn żmien għal żmien dwar oġġetti ta' xorta mhux kummerċjali li ma jkunux spirti, tabakk jew prodotti tat-tabakk li jiġu riċevuti minn persuni individwali, jew importati minn vjaġġaturi fil-valiġġa tagħhom għandhom ikunu japplikaw daqslikieku r-riferenza f'dak l-Att għal dazju ta' importazzjoni kienet daqstant riferenza għall-imposta.

(4) Meta l-imposta titħeġġel ad valorem jew skond il-piż, il-valur jew il-piż, skond il-każ, ta' l-oġġetti importati għandu jiġi stabbilit bl-istess mod kif indikat minn xi liġi li tkun dak iż-żmien fis-seħħ.

dwar kif għandu jiġi stabbilit il-valur jew il-piż ta' oġġetti għall-fini tal-ħlas ta' dazju ta' l-importazzjoni.

(5) Fil-ġbir ta' l-imposta taħt dan l-Att il-Kontrullur jista' jikkalkola lejn l-eqreb lira Maltija kull ammont ta' imposta.

(6) L-importazzjoni ta' oġġetti li fuqhom tkun trid titħallas imposta skond ma hawn f'dan l-artikolu għandha għall-finijiet kollha ta' kull liġi titqies li hi proibita jew ristretta sakemm ma titħallasx jew tiġi eżentata dik l-imposta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Applikabilità ta' certi dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza

7. (1) Kull min ikun ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 18. jew ta' xi wieħed mill-paragrafi (a) sa (k) jew il-paragrafu (m) ta' l-artikolu 62 ta' l-Ordinanza dwar xi oġġetti li huma suġġetti għal imposta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. ikun, b'żieda ma' kull responsabbiltà oħra taħt l-Ordinanza jew xi liġi oħra, ħati ta' reat kontra dan l-Att u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira Maltija u mhux iżjed minn ħamest elef lira Maltija jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 63 u 77 ta' l-Ordinanza għandhom japplikaw għal oġġetti suġġetti għal imposta taħt dan l-Att daqslikieku kull riferenza li tinsab fl-Ordinanza għad-dazju msemmi fl-Ordinanza kienu wkoll riferenza għall-imposta li titħieħed taħt dan l-Att.

Rifuzjoni ta' l-imposta

8. (1) Ma ssirx rifużjoni ta' xi imposta mħallsa fuq oġġetti li ma jiġux rilaxxati mill-Kontrullur ħlief jekk:

(a) jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Kontrullur li dawk l-oġġetti ma kienux tniżżlu Malta: jew

(b) ir-rilaxx ta' l-oġġetti ikun qed jinżamm milli jsir minħajr ebda ħtija ta' l-importatur.

(2) Kull talba għar-rifużjoni ta' imposta għandha ssir bil-miktub fi żmien sentejn minn meta titħallas

Il-Ministru jista' jeżenta mill-ħlas ta' imposta

9. (1) Il-Ministru jista' jeżenta persuna mill-ħlas kollu jew minn parti mill-ħlas ta' l-imposta dovuta fuq xi oġġetti importati minnu, kif suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis xieraq li jimponi.

(2) Il-Ministru għandu mhux iżjed tard mit-tieni ġimgħa ta' kull xahar jippubblika lista fil-Gazzetta ta' l-eżenzjonijiet, kemm totali u kemm parzjali, li jingħataw taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Setgħa tal-Ministru li jemenda l-Iskeda

10. Il-Ministru jista' b'regolamenti jemenda t-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att; b'dan illi ebda emenda li timponi xi imposta ġdida jew li żżid imposta eżistenti ma tista' ssir b'dan il-mod.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

11. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jagħmlu dispożizzjonijiet għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u minħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel, jista' b'dawk ir-regolamenti:

(a) jippreskrivi dak kollu li jista' jiġi preskritt skond kull dispożizzjoni ta' dan l-Att;

(b) jippreskrivi l-formuli li għandhom jiġu wżati għal xi finijiet ta' dan l-Att;

(ċ) jipprovdi għall-immarkar ta' oġġetti importati li jistgħu jkunu suġġetti għal imposta, jew li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew li għalihom hemm riferenza f'dan l-Att;

(d) jippreskrivi l-ħlas li għandu jsir għall-immarkar ta' oġġetti jew għal kull servizz li jista' jingħata taħt dan l-Att;

(e) jippreskrivi dik l-informazzjoni li għandha tiġi nkluża fuq il-fatturi jew dokumenti oħra ta' importazzjoni li jirreferu għal oġġetti li jistgħu jkunu suġġetti għal imposta, jew li l-importazzjoni tagħhom hija ristretta skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew li għalihom hemm riferenza f'dan l-Att;

(f) jippreskrivi l-piena li persuna tista' teħel meta tikser xi dispożizzjoni ta' xi regolamenti li jsiru taħt dan l-Att; b'dana illi dik il-piena ma tistax teċċedi multa ta' mhux iżjed minn elf lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Proċedimenti kriminali.

12. (1) Proċedimenti kriminali taħt dan l-Att jew taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew regolamenti msemmijin fl-artikoli 5 jew 7 ta' dan l-Att meta s-setgħat taħt dawk il-liġijiet jew regolamenti jkunu eżerċitati mill-Ministru għandhom isiru f'isem id-Direttur fil-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja skond id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċeduri quddiem il-Qorti imsemmija bħala qorti ta' ġudikatura kriminali.

Kap 12

(2) Il-proċedimenti kriminali imsemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom isiru fi żmien sentejn mid-data meta jsir ir-reat.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali l-Avukat Ġenerali dejjem ikollu jedd ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kull deċiżjoni moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja dwar proċedimenti kriminali msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Test li għandu jipprevali.

13. Jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att, it-test Ingliż għandu jipprevali.

SKEDI

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 5)

L-oġġetti murijin fit-tielet kolonna ta' din l-iskeda jidhru fl-ordni li fiha jidhru fin-*Nomenclature for the Classification of Goods in Customs Tariffs, 1955*, li taħthom huma klassifikati dawn l-oġġetti.

Dawn l-intestaturi huma murija fl-ewwel kolonna ta' l-iskeda. L-oggetti huma mfissrin skond:—

(a) ir-regoli għat-tifsir tal-*Customs Co-operation Council Nomenclature for the Classification of Goods:* u.

(b) l-*Explanatory Notes to the Customs Co-operation Council Nomenclature for the Classification of Goods, 1955,* ippubblikati mill-*Customs Co-operation Council, Brussels.*

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*
11.01	046010	Dqiq, tal-qamħ
11.01	046015	Dqiq, *self raising*
11.02	046025	*Semolina*
19.07	048411	Ħobż
19.08	048425	Kejkijiet u pasti
23.02	081211	*Bran,* tal-qamħ
23.02	081215	*Pollard,* tal-qamħ
25.22	661110	Ġir minbarra ġir fin
44.28	632892	Twiebet ta' l-injam u partijiet għalihom
44.28	632899	*Step ladders* ta' l-injam
58.09	654051 sa 654056	Bizzilla, magħmula bl-idejn
69.07	662440	Madum tal-mużajk mhux verniċjat
76.08	691210	Angoli, travi u kanen ta' l-*aluminium,* ippreparati biex jintużaw fl-istrutturi
76.08	691240	Strutturi ta' l-*aluminium*
71.12	897110	Ġojjellerija tal-filigranu, tad-deheb
71.12	897111	Ġojjellerija tal-filigranu, tal-fidda
71.13	897120	Oġġetti, minbarra ġojjellerija, tal-filigranu, tad-deheb
71.13	897121	Oġġetti, minbarra ġojjellerija, tal-filigranu, tal-fidda
94.01	821010	Siġġijiet u pultruni, tal-metall, u partijiet għalihom, minbarra dawk miksija bil-*plastic,* u bażijiet tal-metall għas-siġġijiet *swivel* u *tilting,* u *spindles*
94.01	821011	Siġġijiet u pultruni, ta' l-injam u partijiet għalihom
94.01	821012	*Couches, ottomans,* sufanijiet, *settees,* etc., tal-metall, minbarra dawk miksija bil-*plastic*
94.01	821013	*Couches, ottomans,* sufanijiet, *settees,* etc., ta' l-injam
94.01	821014	Sedili u idhra, tal-*plywood,* għas-siġġijiet u pultruni

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
94.01	821015	Sedili u idhra, tal-metall, għas-siġġijiet, minbarra dawk miksija bil-*plastic*	
94.01	821017	Banketti tal-metall, minbarra dawk miksija bil-*plastic*	
94.01	821018	Banketti ta' l-injam	
94.03	821090	Sodod tal-metall, minbarra dawk miksija bil-*plastic*	
94.03	821091	Għamara, kompluta, ta' metall bażi, minbarra dik miksija bil-*plastic* u minbarra siġġijiet, sedili u għamara magħmula għall-użu mediku	
94.03	821092	Partijiet għall-għamara tal-metall, minbarra dawk miksija bil-*plastic*	
94.03	821093	Għamara kompluta, ta' l-injam, minbarra siġġijiet, sedili u għamara magħmula għall-użu mediku	
94.03	821094	Għamara, ta' l-injam u partijiet minnha	
94.03	821095	Għamara, minbarra siġġijiet u sedili oħra, maħduma bil-qasab *(wicker work)*.	

IT-TIENI SKEDA
(Artikoli 5 u 6)

Imposta

L-oġġetti murija fit-Tielet Kolonna ta' din l-Iskeda jidhru fl-ordni li fiha jidhru fin-*Nomenclature for the Classification of Goods in Customs Tariffs, 1955,* li taħthom huma klassifikati dawn l-oġġetti:

Dawn l-intestaturi huma murija fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda.

L-oġġetti huma mfissrin skond:—

(a) ir-regoli għat-tifsir tal-*Customs Co-operation Council Nomenclature for the Classification of Goods;* u,

(b) l-*Explanatory Notes to the Customs Co-operation Council Nomenclature for the Classification of Goods, 1955,* ippubblikati mill-*Customs Co-operation Council, Brussels.*

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
15.13	091411	Xaħam għat-tisjir	25c kull kg
15.13	091416	Margarina	25c kull kg

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
17.01	061214	Zokkor għall-*icing*	20c kull kg
17.04	062011	Perlini	120c kull kg
17.04	062017	Ħelu mgħolli minbarra *medicated pastilles* u *confectionery*	50c kull kg
17.04	062019	*Toffee*	50c kull kg
17.04	062019	Ħelwa	85c kull kg
17.04	062019	*Dragees*	245c kull kg
17.04	062019	Qubbajt	225c kull kg
17.04	062019	*Fondant*	45c kull kg
18.06	073010	Ċikkulata għat-tisjir	90c kull kg
18.06	073010	Ċikkulata *plain* bil-biċċa	140c kull kg
18.06	073030	Ħelu biz-zokkor bil-kawkaw jew bit-togħma taċ-ċikkulata, jew bl-essenza taċ-ċikkulata, jew b'xi ingredjenti oħra taċ-ċikkulata	110c kull kg
18.06	073040	Bajd tal-Għid, taċ-ċikkulata	200c kull kg
18.06	073099	*Spread* taċ-ċikkulata	140c kull kg
18.06	073099	*Beans* taċ-ċikkulata	100c kull kg
18.06	073099	Ċikkulata, oħra bil-biċċa minbarra *topping sauce* taċ-ċikkulata f'għamla likwida jew xort'oħra u ċikkulatini fi *presentation boxes* jew laned illi jkollhom ċikkulatini mhux f'għamla ta' *bar* u ta' piż ta' mhux aktar minn 20 gramma	140c kull kg
19.03	048310	Mqarrum, spagetti u prodotti simili minbarra dawk li ma fihomx glutina, jew fihom il-glutina miżjuda u kosksu	40c kull kg
19.03	048310	Pasta *fresca*	60c kull kg
19.05	042129	*Savoury snacks*	70c kull kg
19.05	042129	*Crisps* tal-patata	100c kull kg
19.08	048421	Biskotti u *wafers* minbarra biskotti u gallettini għat-trabi, u gallettini mħallta fi *presentation boxes* jew laned ta' 400g jew aktar u gallettini, *wafers*, ħobż, dqiq u prodotti oħra li jkun fihom ftit proteina u mingħajr glutina, għall-pazjenti li jbatu bil-musrana	90c kull kg
19.08	048425	Pudini, *pannettone*, pandora u *brioches*	120c kull kg
19.08	048429	*Cones* għall-ġelat	75c kull kg
19.08	048429	*Wafers* għall-ġelat	25c kull kg
20.04	053211	Ċirasa, *glacé*	110c kull kg
20.04	053213	Frott preżervat biz-zokkor	65c kull kg

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
20.04	053214	Qoxra tal-frott preżervata biz-zokkor	55c kull kg
20.05	053311	Kunservi tal-frott u marmellat	40c kull kg
20.05	053311	Kunservi oħra	60c kull kg
20.05	053315	*Jellies*	60c kull kg
20.06	053911	Lewż u *ground nuts* f'reċipjenti li fihom ma tidħolx arja, mhux biex jiġu ppakkjati mill-ġdid jew għal skopijiet industrijali	60c kull kg
20.07	053511	Meraq tal-frott konċentrat minbarra meraq ta' għeneb	15c kull litru
20.07	053512	Meraq tal-frott mhux konċentrat minbarra meraq ta' l-għeneb	15c kull litru
21.04	099043	*Tomato ketchup, mayonnaise, salad cream, whip dressing, sauces*, oħra fil-landa	40c kull litru
21.05	099055	*Cubes* tal-laħam	135c kull kg
21.05	099056	*Cubes* tal-ħut	135c kull kg
21.06	099063	*Baking powder*	90c kull kg
21.07	099090	*Squashes* tal-frott	10c kull litru
21.07	099093	Ġelati	100c kull litru
21.07	099094	*Jellies*	60c kull kg
21.07	099096	*Jellies*	60c kull kg
21.07	099096	Trab tal-krema jew tal-custard minbarra krema għall-*artificial topping* u *filling*	50c kull kg
21.07	099099	*Dairy spread* jew *sandwich spread*	25c kull kg
22.01	111012	Ilmijiet, spa, minbarra ilmijiet gassużi min-natura tagħhom	3c kull litru
22.01	111015	Ilmijiet mhux gassużi min-natura tagħhom .	3c kull litru
22.02	111025	*Soft drinks*	10c kull litru
22.03	112311	Birra	18c kull litru
22.03	112321	Birra	18c kull litru
22.03	112331	Birra	18c kull litru
24.02	122111	Sigarri tat-tip *cheroot*	500c kull kg
24.02	122111	Sigarri tat-tip *toscano*	500c kull kg
28.04	513110	Ossiġenu fi stat gassuż	40c kull m^3 (fi pressjoni minn 150 sa 200 bars)
28.04	513110	Ossiġenu fi stat likwidu	29c5 kull kg

28.04	513130	Idroġenu fi stat gassuż	40c kull m^3 (fi pressjoni minn 150 sa 200 bars)
28.04	513130	Idroġenu fi stat likwidu	445c kull kg
28.31	514130	Ipoklorit tas-sodju *(bleach)* minbarra ipoklorit tas-sodju li jkun fih tlettax fil-mija jew aktar *chlorine*	12c kull litru
30.04	541910	Tajjar	145c kull kg
32.09	533324	Verniċi u *lacquers* f'reċipjenti ta' ħames litri jew anqas minbarra inka għall-istampar ivverniċjata	40c kull litru
32.09	533327	Żebgħa tat-tip enamel minbarra żebgħa tat-tip enamel f'reċipjenti *aerosol, tinlets,* u fliexken	75c kull litru
32.09	533329	Żebgħa *chlorinated* b'bażi ta' lastiku	75c kull litru
32.09	533334	Żebgħa bbażata fuq emulsjoni ta' reżina sintetika	75c kull litru
32.09	533334	*Undercoats* u *primers* industrijali minbarra *underseal* għall-vetturi	75c kull litru
33.06	553070	*Air fresheners* f'reċipjenti *aerosol*	75c kull kg
33.06	553099	Deodorants f'reċipjenti *aerosol*	75c kull kg
34.01	554115	Sapun għall-ħasil tal-ħwejjeġ, bil-biċċa	30c kull kg
34.01	554116	Sapun tat-twaletta likwidu	170c kull litru
34.01	554125	Sapuniet tat-twaletta minbarra sapuniet tat-twaletta li jkollhom fuqhom l-isem jew logo ta' lukandi lokali, u sapuniet *medicated* u *neutral*	70c kull kg
34.01	554129	*Chips* tas-sapun	10c kull kg
34.02	554220	Preparati likwidi għal ħasil li jkun fihom xi *non-ionic, anionic* jew *cationic surface-active agent,* li t-total ta' *active matter* tiegħu ma jeċċedix il-ħamsin fil-mija, inklużi preparati likwidi f'*retail packs*	35c kull litru
34.02	554230	Preparati forma ta' trab għal ħasil ta' ħwejjeġ li jkun fihom *surface active agent* wieħed jew aktar, u bil-konċentrat tagħhom ikun ta' aktar minn għaxra fil-mija u jkun fihom xi wieħed jew ingredjenti kollha li normalment jinstabu f'dawn il-preparati, inklużi preparati għal ħasil tal-ħwejjeġ f'*retail packs* iżda mhux preparati likwidi għal ħasil ta' vejikoli	30c kull kg

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodotti*	*Imposta*
34.02	554231	*Fabric conditioners*	35c kull litru
34.03	332525	Preparati lubrikanti li jkun fihom anqas minn 70% prodotti ta' *petroleum*	40c kull litru
34.05	554310	Krema għall-għerik	40c kull litru
34.05	554321	Lostri u preparati għat-tindif ta' l-għamara, ħġieġ u tappizzerija f'reċipjenti ta' ħames litri jew anqas	
		(a) likwidi inklużi *aerosols*	150c kull litru
		(b) oħrajn	100c kull litru
34.05	554340	Trab għall-għerik	25c kull kg
34.06	899310	Xemgħat	300c kull kg
36.06	899320/1	Sulfarini	1c kull 50 sulfarina (jew parti minn 50 sulfarina)
38.11	599210	Disinfettanti u *antiseptics* lesti għal bejgħ bl-imnut	30c kull litru
38.11	599230	Insettiċidi f'għamla ta' *sprays* minbarra insettiċidi f'għamla ta' *sprays* għall-annimali u għasafar u pjanti	77c kull litru
38.18	599950	*Paint remover* f'reċipjenti ta' ħames litri jew anqas	30c kull litru
39.02	581210	Folji ta' materjal plastiku *(cling film)* f'rombli ta' tul ta' mhux aktar minn 3000 metru	20c kull kg
39.02	581210	Folji ta' materjal plastiku f'rombli (minbarra *(cling film)* ta' wisa' ta' żewġ metri jew anqas .	20c kull kg
39.02	581222	*Expanded polystyrene* f'għamla ta' blokki madum u folji	110c kull kg
39.02	581226	Tubi u kanen ta' materjal plastiku inklużi tubi għall-*conduit, seamless* minbarra kanen ta' plastiku rafforzat	30c kull kg
39.02	581237	*Polyurethane,* f'għamla ta' *foam flexible*	110c kull kg
39.02	581237	Tape ta' materjal plastiku b'adesiv miegħu ta' wisa' ta' mhux aktar minn 15cm minbarra *electric insulation tape,* tape u *plastic film* b'adesiv miegħu għal *graphic line* u *paste up work,* materjal vinyl f'rombli jew folji b'adesiv miegħu u backing tal-karta, u tape *resealable* b'adesiv miegħu u tape adesiv ta' nylon rafforzat, f'rombli	1c kull metru
39.07	893010	Kaxxi, basktijiet għall-irkotta u reċipjenti għall-ħelwa ta' materjal plastiku, minbarra reċipjenti ta' materjal plastiku *fully moulded* għal użu agrikolu	30c kull kg

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
39.07	893020	Tazzi ta' materjal plastiku	60c kull kg
39.07	893020	Puzati tal-mejda, kikkri, bramel ta' materjal plastiku, minbarra bramel ta' plastiku *fully moulded* biż-żennuna, *dustbins*, u banjijiet	30c kull kg
39.07	893025	Boroż għal-*laundry* u għal skart u *carrier bags* ta' materjal plastiku, minbarra *freezer/cooler bags* u *carrier bags* ta' materjal plastiku *fully moulded*	30c kull kg
39.07	893031	Ingwanti industrijali	70c kull par
39.07	893031	Vavalori, ċinturini u ingwanti ta' materjal plastiku minbarra vavalori u ingwanti għal użu mediku	15c il-biċċa
39.07	893040	Aperturi, madum, oġġetti pnewmatiċi, *clips files*, kopertini għall-menus, u għall-kotba, *card folders, ventilation covers*, trofej u *shields, pads* għal fuq l-iskrivaniji, *folders* għall-konferenzi, kaxxi għall-ġojjellerija, reċipjenti għall-kosmetiċi, basktijiet għall-irkotta, *files* u folji għalihom, qsari għall-fjuri u platti għalihom (minbarra qsari għall-fjuri ta' aktar minn 17.78cm (7″) diametru, u platti għalihom ta' aktar minn 19.05cm (7½″) diametru, *bends (elbows)* (minbarra *w/c bends* u *drain bends* b'diametru ta' 80mm jew 100mm u 110mm jew 125mm, 75mm jew 160mm) tal-plastiku	30c kull kg
39.07	893040	Tubi tal-*polythene* mhux *seamless* minbarra tubi għal użu tad-*drip irrigation* u tubu għall-iskular ta' l-ilma, għal użu agrikolu	30c kull kg
39.07	893040	*Expanded polystyrene*, f'forma mhux rettangolari minbarra mudelli għall-ippakkjar	110c kull kg
39.07	893040	Mudelli tal-*foam* riġidu tal-*polyurethane* minbarra forom għall-ippakkajr	130c kull kg
39.07	893040	*Folders* ta' materjal plastiku	3c il-waħda
40.13	841610	Ilbiesi għall-għaddasa ta' lastiku vulkanizzat mhux imwebbes	4000c il-waħda
42.02	831010	Basktijiet għax-xiri, tal-ġilda	200c il-wieħed
42.02	831011	Basktijiet għax-xiri, ta' folji tal-plastika artifiċjali	75c il-wieħed
42.02	831012	*Shoulder bags*, tad-drapp	200c il-wieħed
42.02	831020	Boroż u *cases* għall-kosmetiċi tal-ġilda	500c il-wieħed
42.02	831021	Boroż u *cases* għall-kosmetiċi, ta' folji tal-plastika artifiċjali	50c il-wieħed

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
42.02	831022	Borož u *cases* għall-kosmetiċi, tad-drapp ...	75c il-wieħed
42.02	831022	Borož u *cases għall-kosmetiċi, tal-paperboard*	50c il-wieħed
42.02	831030	Borož/*handbags* ta' kompożizzjoni tal-ġilda .	700c il-waħda
42.02	831032	Borož/*handbags* ta' folji tal-plastika artifiċjali	200c il-waħda
42.02	831040	Bagolli u valiġġi tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda	1000c il-wieħed
42.02	831040	Oġġetti oħra tal-vjaġġi tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda	500c il-wieħed
42.02	831042	Bagolli u valiġġi ta' folji tal-plastika artifiċjali	400c il-wieħed
42.02	831042	Oġġetti oħra tal-vjaġġi ta' folji tal-plastika artifiċjali minbarra *freezer/cooler bags*	200c il-wieħed
42.02	831043	Bagolli u valiġġi tad-drapp	500c il-wieħed
42.02	831043	Oġġetti oħra tal-vjaġġi, tad-drapp	300c il-wieħed
42.02	831043	Bagolli u valiġġi tal-*paperboard*	400c il-wieħed
42.02	831043	Oġġetti oħra tal-vjaġġi tal-*paperboard*	200c il-wieħed
42.02	831050	Portmonijiet u portafolji tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda	100c il-wieħed
42.02	831052	Portafolji, *conference cases, folders* u portmonijiet ta' folji tal-plastika artifiċjali	5c il-wieħed
42.02	831053	*Conference cases* u *folders* tad-drapp jew tal-*paperboard*	10c il-wieħed
44.24	632720	*Ironing board* ta' l-injam	200c il-waħda
48.01	641559	Karta għall-*computers, fan-fold* u karta *telex* f'romblu	35c kull kg
48.05	641930	Karta u *paperboard* immewġa f'għamla ta' folji	30c kull kg
48.14	642210	Libretti tal-karti ta' l-ittri u invilopsijiet minbarra *window envelopes*, invilopsijiet b'adesiv magħhom, *security envelopes* u *padded envelopes*	35c kull kg
48.15	642930	*Refils*, għal *files*, folji ta' l-analisi u *foolscaps*	35c kull kg
48.15	642933	*Toilet paper*	50c kull kg
48.15	642934	*Masking tape* tal-karta adesiv ta' wisa' mhux akbar minn ħmistax-il ċentimetru	2c il-metru
48.15	642934	*Tape* tal-karta adesiv fi strixxi jew rombli ta' wisa' mhux akbar minn ħmistax-il ċentimetru minbarra *tape* tal-karta b'adesiv f'rombli għal użu industrijali lokali	3c kull metru

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
48.15	642934	Skedi għall-indiċi	35c kull kg
48.15	642934	Karta għall-*adding machines* f'rombli ta' wisa' mhux akbar minn ħmistax-il ċentimetru	35c kull kg
48.15	642935	Karta għall-*calculators* f'rombli ta' wisa' mhux akbar minn ħmistax-il ċentimetru	35c kull kg
48.16	642110	Boroż tal-karta inklużi boroż tal-karta għall-iskart mhux għall-użu industrijali	35c kull kg
48.16	642112	Kaxxi tal-karta jew tal-*paper-board* minbarra kaxxi tal-*paper-board E-Flute corrugated* jew *B-Flute conductive coating corrugated, blanks outers* u *fiberites* bi stampar *gravure* u *blanks* tajbin għall-mili b'likwidi asettiċi	30c kull kg
48.17	642120	*Box files*	35c kull kg
48.18	642310	*Albums* tar-ritratti għall-but	35c kull kg
48.18	642330	Pitazzi	35c kull kg
48.18	642340	*Pads* u blokki tal-karta għad-*drafting*	10c kull kg
48.18	642340	Kwinterni, *scrap-books*, kotba għall-ittraċjar tal-mapep, kotba għat-tpinġija, djarji (minbarra dawk li huma reklami speċjalizzati), reġistri, kotba tar-riċevuti u *folders*	35c kull kg
48.18	642340	*File covers*	35c kull kg
48.18	642340	Karta għall-*computers*, komposta minn żewġ folji jew aktar, bil-*carbon paper* bejniethom .	35c kull kg
48.19	892910	Tikketti tal-karta minbarra *machine dispenser tags* u *labels, computer labels* u *tags* għall-identifikazzjoni tal-bagalji għall-użu tal-kumpanija ta' l-ajru	100c kull elf
48.21	642999	Imkatar tal-karta	3c kull 10
48.21	642999	Rombli tal-karta għall-kċina	10c kull romblu
48.21	642999	*Serviettes* u srievet tal-karta	10c kull 100
48.21	642999	Platti tal-karta	50c kull 100
48.21	642999	*Boutique tissues* tal-karta	25c kull 100
48.21	642999	*Cups* tal-karta għall-pasti	50c kull 100
48.21	642999	*Drinking straws* tal-karta	25c kull 500
48.21	642999	*Liners* tal-karta għall-ħrieqi	40c kull 100
48.21	642999	*Sanitary pads* tal-karta minbarra *paper panty shields*	15c kull 10
48.21	642999	*Place mats* tal-karta minbarra *tissue coasters* bix-xema fuq wara	500c kull 1000
48.21	642999	*Tissues* tal-karta	3c kull 10

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
49.11	892990/1	*Stickers* minbarra *stickers double jacketed* u stampati għal użu publiċitarju	100c kull 100
49.11	892999	Biljetti minbarra biljetti ta' l-ajru u *tickets/ stickers* bl-istampi għal skop ta' kollezzjoni .	2c kull 100
59.01	655818	*Sanitary towels* u *pads* u hrieqi *(diapers)* tal-*wadding* mhux ippakkjat individwalment minbarra *elasticated disposable diapers*	15c kull 10
59.03	655415	Biċċiet tal-ħasil ta' l-art	75c kull kg
60.03	841423	Peduni u kalzetti tat-tajjar għall-irġiel u għat-tfal maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati	30c kull par
60.03	841423	Peduni u kalzetti tat-tajjar għat-trabi, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati	10c kull par
60.03	841424	Peduni u kalzetti ta' fibra manifatturata għall-irġiel u għat-tfal maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati ...	10c kull par
60.03	841425	Peduni u kalzetti, tas-suf għall-irġiel u għat-tfal, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati	30c kull par
60.03	841425	Peduni u kalzetti tas-suf għat-trabi, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati	30c kull par
60.03	841426	Kalzetti ta' fibra manifatturata (kontinwa) maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati, għan-nisa	30c kull par
60.03	841427	Kalzetti tat-tajjar maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati, għan-nisa	30c kull par
60.03	841428	Kalzetti ta' materjal ieħor, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*, mhux elastiċi u lanqas gommati, għan-nisa	30c kull par
60.04	841435	*T-shirts* u *sweat shirts*	35c il-waħda
60.04	841435	Qomos maħdumin bil-malja, għall-irġiel ...	200c il-waħda
60.04	841435	Qomos maħdumin bil-malja, għas-subien ..	150c il-waħda
60.04	841436	Flokkijiet ta' taħt, bil-kmiem twal, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*	50c il-wieħed
60.04	841436	Flokkijiet ta' taħt bil-kmiem qosra, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*	40c il-wieħed
60.04	841436	Flokkijiet ta' taħt, bla kmiem, maħdumin bil-malja jew bil-*crochet*	30c il-wieħed

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
60.04	841437	Qliezet ta' taħt, u *briefs,* maħdumin bil-malja, mhux għat-trabi	25c il-wieħed
60.04	841438	*Tights,* minbarra *tights* għall-*ballet*	30c kull par
61.03	841153	Qomos bil-għonq imwaħħal, mhux maħdumin bil-malja jew bil-*crochet* għall-irġiel .	200c il-waħda
61.03	841154	Qomos bil-għonq mhux imwaħħal, mhux maħdumin bil-malja jew bil-*crochet* għall-irġiel	200c il-waħda
61.03	841155	Qomos mhux maħdumin bil-malja jew bil-*crochet* għas-subien	150c il-waħda
61.03	841157	Qliezet ta' taħt, tad-drapp minsuġ, għall-irġiel	30c il-wieħed
61.04	841169	Flokkijiet ta' taħt, qliezet ta' taħt, u *briefs,* ta' drapp minsuġ, għan-nisa u għall-bniet ..	30c il-wieħed
61.07	841231	Ingravati tad-drapp minsuġ	150c il-waħda
62.04	656220	Tined	2000c il-waħda
62.05	656989	Biċċiet tal-ħasil ta' l-art	75c kull kg
64.01	851010	Xedd tar-riġel, ta' materjal plastiku artifiċjali, mhux *fully moulded,* għall-irġiel u għan-nisa minbarra xedd tar-riġel ta' tul mhux aktar minn 24cm	200c il-par
64.02	851021	Xedd tar-riġel, bil-wiċċ tal-ġilda u l-pett ta' barra ta' kwalunkwe materjal jew viċi versa ta' tul ta' aktar minn 24cm għan-nisa minbarra *industrial* u *safety boots* u *shoes,* xedd tar-riġel bil-wiċċ tad-drapp, *ballet shoes,* u papoċċi .	250c il-par
		Xedd tar-riġel b'wara miftuħ għan-nisa	100c il-par
64.02	851022	Xedd tar-riġel, bil-wiċċ tal-ġilda u l-pett ta' barra ta' kwalunkwe materjal jew viċi versa ta' tul ta' aktar minn 24cm għall-irġiel minbarra *industrial* u *safety boots* u *shoes,* xedd tar-riġel bil-wiċċ tad-drapp, *ballet shoes,* u papoċċi	400c il-par
64.02	851022	Xedd tar-riġel b'wara miftuħ għall-irġiel ...	100c il-par
64.02	851023	Xedd tar-riġel għall-isport ta' aktar minn 24cm tul u ta' valur C & F ta' Lm7 jew anqas .	250c il-par
64.05	612320	Uċuh tal-ġilda għax-xedd tar-riġel ta' aktar minn 24cm twal	150c il-par
64.05	612321	Uċuh ta' materjal ieħor minbarra metal jew *asbestos* għax-xedd tar-riġel ta' aktar minn 24cm twil	75c il-par
66.01	899410	Umbrellel għax-xtut	300c il-waħda

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
68.02	661325	Irħam maħdum minbarra *fireplaces*, kolonni, vażuni u balavostri, *pillars*, statwetti u oġġetti oħra simili	1750c il-m^2
68.11	663623	Katusi tal-konkos	150c il-*tonne*
68.11	663629	Irħam, *agglomerated*	500c il-m^2
68.11	663629	Arbli tal-konkos	175c il-*tonne*
69.08	662450	Madum taċ-ċeramika ta' valur C & F ta' Lm3.50 jew anqas il-metru kwadrat	150c il-m^2
69.13	666610	*Cache pots* taċ-ċeramika	10% ad valorem
69.14	663926	Qsari u plattini għalihom ta' dijametru ta' bejn il-15 u t-23 ċentimetru, tal-fuħħar	15c il-waħda
70.09	664812	Mirja tal-ħġieġ bid-dahar jew gwarniċjati bi kwalinkwe materjal li ma jinkorporawx metal prezzjuż minbarra mirja bid-dahar jew gwarniċjati għal vetturi, u mirja għar-reċipjenti tal-kosmetiċi jew *handbags*	300c il-m^2
70.09	664813	Mirja tal-ħġieġ, mhux gwarniċjat f' għamla ta' folji jew plakki	100c il-m^2
70.13	665210	Oġġetti tal-*cut glass*	10% ad valorem
70.13	665220	*Ashtrays* tal-ħġieġ dekorattiv	10% ad valorem
70.19	665826	Oġġetti ta' ħġieġ dekorattiv	10% ad valorem
71.12	897118	Ġojjellerija tal-fidda, minbarra filugranu ..	10% ad valorem
71.12	897119	Ġojjellerija tad-deheb, minbarra filugranu .	10% ad valorem
73.10	673210	Vireg tal-azzar għall-konkos ta' ħxuna ta' bejn l-10 u l-25 millimetru	7000c il-*tonne*
73.21	691140	Rixtelli li jingħalqu, bibien u twieqi tal-ħadid jew ta' l-azzar minbarra twieqi *(louvers)* ta' l-azzar	25% ad valorem
73.26	693210	Fildiferru mxewweq, galvanizzat	25% ad valorem
73.27	693310	Xbieki ta' l-azzar *(wire mesh)* għar-rinfurzar ta' konkrit	25% ad valorem
73.40	679110	Arblu tad-dawl, ornamentali	25c kull kg
73.40	698914	*Ironing Boards*	500c il-waħda

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
73.40	698914	*Covers* għall-ventilaturi	5c il-waħda
73.40	698918	Tappieri, u *frames* għalihom	10c kull kg
76.16	698940	Slielem tal-aluminju, mhux *expandable*	800c il-wieħed
76.16	698941	*Venetian blinds* tal-aluminju	300c il-m^2
83.06	697920	Tazzi u trofej għall-isport u kanuni u delfini ornamentali, tar-ram jew bronz	23% ad valorem
83.07	812425	*Fittings* tad-dawl għat-tubi *fluorescent*	50c il-waħda
83.13	698855	*Crown corks*	50c il-grossa
84.46	719510	Makni li jaqtaw il-ġebel tal-franka	50000c il-waħda
84.46	719510	Makni li joħorġu l-wiċċ fuq tlett naħiet tal-ġebla tal-franka	100000c il-waħda
84.46	719510	Makni li jaħdmu l-ġebel tal-franka fi profili	70000c il-waħda
85.15	724111	*Aerials* tat-*televison*, minbarra *antennas* li jirċievu trasmissjonijiet mis-satelliti	300c il-wieħed
85.22	729999	*Boosters* għat-*television*	1000c il-wieħed
85.23	723110	Cable ta' l-elettriku li għandu *copper* bl-area li tvarja bejn il-0.5mm u l-50mm kwadrat	17% ad valorem
85.23	723120	*Wire* u strixxi tal-elettriku, iżolati	17% ad valorem
87.06	732820	*Radiators*	1000c il-wieħed
87.06	732820	*Cores* tar-*radiators*	400c kull kg
87.06	732820	*Silencers* għall-vejikoli	400c il-wieħed
87.06	732820	*Exhaust pipes*	300c il-wieħed
91.10	864260	Kaxxi twal tal-injam għall-arloġġi	10000c il-waħda
91.10	864260	Kaxxi tal-injam għall-arloġġi tal-ħajt	3000c il-waħda
94.01	821017	*Step stools* tal-metall	200c il-waħda
94.04	821032	Kutri kkuttunati, minbarra dawk magħmula minn *feather down*	500c il-waħda
94.04	821033/4/5	Imtieraħ, minbarra imtieraħ ta' l-ilma	2000c il-wieħed

Nru. BTN	*Nru. SITC*	*Deskrizzjoni tal-Prodott*	*Imposta*
94.04	821037	Imħaded	200c il-waħda
97.03	892430	Ġugarelli rotob magħmula mid-drapp	200c il-waħda

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 299 tas-6 ta' Novembru, 1989.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati